REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/970

tat-8 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(d) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka persuni, entitajiet u korpi li, peress li ġew innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 2356 (2017) li żżid 14-il persuna fiżika u erba' entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi. Fl-1 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet emenda wkoll l-elenkar ta' erba' entrati eżistenti.

(3) L-Anness IV jenħtieġ għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

[1] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.

ANNESS

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

1. Taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi" jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"(40) Cho Il U (magħruf bħala Cho Il Woo). Data tat-twelid: 10.05.1945. Post tat-twelid: Musan, North Hamgyo'ng Province, il-Korea ta' Fuq. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport 736410010. Informazzjoni oħra: Direttur tal-Ħames Bureau tar-Reconnaissance General Bureau. Cho huwa maħsub li jkun inkarigat mill-operazzjonijiet ta' spjunaġġ esterni u għall-ġbir ta' intelligence barranija għall-Korea ta' Fuq.

(41) Cho Yon Chun (magħruf ukoll bħala Jo Yon Jun). Data tat-twelid: 28.09.1937. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida, li jidderieġi l-ħatra ta' persunal ewlenin għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u għall-militar tal-Korea ta' Fuq.

(42) Choe Hwi. Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: 1954 jew 1955. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Indirizz: il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: L-ewwel Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jikkontrolla l-midja kollha tal-Korea ta' Fuq u li l-gvern jinqeda bih biex jikkontrolla lill-pubbliku.

(43) Jo Yong-Won (magħruf bħala Cho Yongwon). Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: 24.10.1957. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Indirizz: il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jidderieġi l-ħatra ta' persunal ewlenin għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u għall-militar tal-Korea ta' Fuq.

(44) Kim Chol Nam. Data tat-twelid: 19.02.1970. Ċittadinanza. tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport 563120238. Indirizz: il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: President tal-Korea Kumsan Trading Corporation, kumpanija li takkwista provvisti għall-General Bureau of Atomic Energy u li jservi bħala mezz kif jidħlu flus fil-Korea ta' Fuq.

(45) Kim Kyong Ok. Data tat-twelid: 1937 jew 1938. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Indirizz: Pjongjang, il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida, li jidderieġi l-ħatra ta'persunal ewlenin għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u għall-militar tal-Korea ta' Fuq.

(46) Kim TONG-HO. Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: 18.08.1969. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport 745310111. Indirizz: il-Vjetnam. Informazzjoni oħra: Rappreżentant fil-Vjetnam tal-Tanchon Commercial Bank, li huwa l-entità finanzjarja ewlenija tal-Korea ta' Fuq għall-bejgħ tal-armi u għall-bejgħ relatat mal-missili.

(47) Min Byong Chol (Min Pyo'ng-ch'o'l; Min Byong-chol; Min Byong Chun), Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: 10.08.1948. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Indirizz: il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Membru tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jidderieġi l-ħatra ta' persunal ewlenin għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u għall-militar tal-Korea ta' Fuq.

(48) Paek Se Bong. Data tat-twelid: 21.03.1938. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Paek Se Bong huwa eks-President tat-Tieni Kumitat Ekonomiku, eksmembru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, u li eks-Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet (DIM).

(49) Pak Han Se (magħruf bħala Kang Myong Chol). Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport 290410121. Indirizz: il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Viċi President tat-Tieni Kumitat Ekonomiku, li jissorvelja l-produzzjoni tal-missili ballistiċi tal-Korea ta' Fuq u jidderieġi l-attivitajiet tal-Korea Mining Development Corporation, l-ewwel negozjant tal-armi tal-Korea ta' Fuq u l-esportatur prinċipali ta' oġġetti u tagħmir relatati mal-missili ballistiċi u mal-armi konvenzjonali.

(50) Pak To Chun (magħruf bħala Pak Do Chun). Data tat-twelid: 09.03.1944. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Pak To Chun huwa eks-Segretarju tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet (DIM) u attwalment jagħti parir dwar l-affarijiet relatati mal-programmi nukleari u missilistiċi. Kien membru tal-Kummissjoni tal-Affarijiet tal-Istat u huwa membru tal-Bureau tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea

(51) Ri Jae Il (magħruf bħala Ri, Chae-Il). Data tat-twelid: 1934. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jikkontrolla l-midja kollha tal-Korea ta' Fuq u li l-gvern jinqeda bih biex jikkontrolla lill-pubbliku.

(52) Ri Su Yong. Ġeneru: raġel. Data tat-twelid: 25.06.1968. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-passaport 654310175. Indirizz: Kuba. Informazzjoni oħra: Uffiċjal għall-Korea Ryonbong General Corporation, jispeċjalizza fl-akkwiżizzjoni għall-industriji tad-difiża tal-Korea ta' Fuq u jgħin fil-bejgħ relatat mal-militar ta' Pyongyang. L-akkwisti tagħha x'aktarx ukoll jappoġġaw il-programm tal-armi kimiċi tal-Korea ta' Fuq.

(53) Ri Yong Mu. Data tat-twelid: 25.01.1925. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Ri Yong Mu huwa Viċi President tal-Kumissjoni għall-Affarijiet tal-Istat, li jidderieġi u jiggwida l-militari, id-difiża u l-affarijiet relatati mas-sigurtà kollha tal-Korea ta' Fuq, inkluż l-akkwiżizzjoni u l-akkwist pubbliku."

2. Taħt l-intestatura "B. Persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi" jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"(43) Kangbong Trading Corporation. Post: il-Korea ta' Fuq. Information oħra: Il-Kangbong Trading Corporation biegħet, fornit, trasferit, jew xtrat, b'mod dirett jew indirett, lil jew mingħand il-Korea ta' Fuq, metall, grafit, karbonju, jew softwer, fejn id-dħul jew l-oġġetti rċevuti jistgħu jibbenefikaw lill-Gvern tal-Korea ta' Fuq jew lill-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Il-kumpanija prinċipali ta' Kangbong Trading Corporation hija l-Ministeru tal-Forzi Armati tal-Poplu.

(44) Korea Kumsan Trading Corporation. Post: Pjongjang, il-Korea ta' Fuq Informazzjoni oħra: Il-Korea Kumsan Trading Corporation hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi jew għandha l-intenzjoni li taġixxi għal jew f'isem, direttament jew indirettament, il-General Bureau of Atomic Energy, li jissorvelja l-programm nukleari tal-Korea ta' Fuq.

(45) Koryo Bank. Post: Pjongjang, il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Il-Koryo Bank jopera fl-industrija tas-servizzi finanzjarji fl-ekonomija tal-Korea ta' Fuq u huwa assoċjat mal-Uffiċċju 38 u mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea.

(46) Il-Forza tal-Missili Strateġiċi tal-Armata tal-Poplu tal-Korea (magħrufa wkoll bħala Forza tal-Missili Strateġiċi; il-Kmand tal-Forza tal-Missili Strateġiċi tal-APK; Forza Strateġika; Forzi Strateġiċi). Post: Pjongjang, il-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Il-Forza tal-Missili Strategiċi tal-Armata tal-Poplu tal-Korea hija inkarigat mill-programmi kollha tal-missili ballistiċi tal-Korea ta' Fuq u hija responsabbli għall-isparar tal-missili SCUD u NODONG."

3. Taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi",

"(14) Choe Song Il. Nru tal-Passaport: (a) 472320665 (Data ta' Skadenza: 26.9.2017), (b) 563120356. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank fil-Vjetnam. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

huwa sostitwit ma':

"(14) Choe Song Il. Nru tal-Passaport: (a) 472320665 (Data ta' Skadenza: 26.9.2017), (b) 563120356. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank. Serva bħala Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank fil-Vjetnam. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

4. Taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi",

"(17) Jang Yong Son. Data tat-twelid: 20.2.1957. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fl-Iran. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

huwa sostitwit ma':

"(17) Jang Yong Son. Data tat-twelid: 20.2.1957. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Serva bħala rappreżentant tal-KOMID fl-Iran. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

5. Taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi",

"(21) Kim Jung Jong (magħruf bħala Kim Chung Chong). Data tat-twelid: 7.11.1966. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport: (a) 199421147 (Data ta' Skadenza: 29.12.2014), (b) 381110042 (Data ta' Skadenza: 25.1.2016), (c) 563210184 (Data ta' Skadenza: 18.6.2018). Informazzjoni oħra: Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank fil-Vjetnam. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

huwa sostitwit ma':

"(21) Kim Jung Jong (magħruf bħala Kim Chung Chong). Data tat-twelid: 7.11.1966. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Nru tal-Passaport: (a) 199421147 (Data ta' Skadenza: 29.12.2014), (b) 381110042 (Data ta' Skadenza: 25.1.2016), (c) 563210184 (Data ta' Skadenza: 18.6.2018). Informazzjoni oħra: Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank. Serva bħala Rappreżentant ta' Tanchon Commercial Bank fil-Vjetnam. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

6. Taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi",

"(24) Kim Yong Chol. Data tat-twelid: 18.2.1962. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. nformazzjoni oħra: Rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fl-Iran. Data tal-ħatra: 2.3.2016."

huwa sostitwit ma':

"(24) Kim Yong Chol. Data tat-twelid: 18.2.1962. Ċittadinanza: tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: Rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Serva bħala rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fl-Iran. Data tal-ħatra: 2.3.2016."